# Anniversarju f' għeluq il-110 sena mit-twelid tas-Surmast Angelo Pullicino u l-35 Sena mill-mewt tiegħu.

Is-Sur Jurgen D'Amato



Is-Surmast Angelo Pullicino hu iben Ġużeppi Pullicino u Francesca Borg. Huwa twieled fl-10 ta' Dicembru, 1904, fir-raħal ta' Birkirkara. Huwa ġie mgħammed fil-Bażilika ta' Sant' Elena. L-ismijiet li tawh il-parrini tiegħu kienu Guzeppi, Speditu u Costantinu.

Anġlu kien it-tieni wild fost familja kemm xejn kbira, li kienet tgħodd tlettax-il tifel u tifla oħra. Apparti Anġlu kien hemm Karmenu, Toni, Salvina, Marija, Ġannina u Lucjanu li kien it-tifel ta' qabel tal-aħħar. Ta' eta' żgħira, Angelo wera interess kbir u kapaċita kbira fil-mużika u beda l-istudji mużikali tiegħu taħt il-Mro. Vincenzo Costa li kien surmast ta' isem f' dak iż-żmien. Mro. Costa mill-ewwel għaraf it-talenti mużikali li bihom kien mgħoni Anġlu, u ħajjar lil Anġlu biex jibda jistudja l-armonija taħt Mro. Ġuzeppi Abdilla. Fost l-alievi tal-Banda Sant' Elena, Anġlu spikka ħafna, tant li s-surmast Costa kien riedu jgħinu fil-lezzjonijiet tal-mużika fl-istess Banda Sant' Elena.

Ċertu s-Sur Grech Duca, minn San Ġiljan, kien jiffrekwenta ħafna tal-każin tal-banda Sant' Elena u fost l-oħrajn kien ħabib ukoll ta' Dun Pawl Galea li kien eżattament għadu kif fetaħ id-Dar tad-Domus f' San Ġiljan stess. Is- Sur Grech Duca ħajjar lil dan iż-żagħżugħ karkariż li kien qed jispikka ħafna mal-banda Sant' Elena, biex imur jibda' jgħallem lit-tfal tad'Domus fit-taħrig mużikali tagħhom billi ħafna minnhom kienu qed imorru sa Tas-Sliema biex jitgħallmu l-mużika. Minn issa l-quddiem tibda ir-rabta ta' Anġlu Pullicino mal-Banda tad-Domus li wara ngħaqdet mac- Circolo Filarmonico San Giuliano u finalment sari l-Każin Banda San Ġiljan.



Anġlu Pullicino kiteb l-ewwel marċi tiegħu meta kien għad biss kellu 18-il sena. Meta Anċlu ppreżenta l-marċ lis-surmast tal-Banda Sant' Elena dan ma riedx idoqqulu għax kellu ħafna oħrajn. Anzjan minn Birkirkara stess, ħabib ħafna ta' missier Anġlu, kien ħa lil Anġlu nnifsu b' dal marċ fil-Każin tal-Banda tal-Ħamrun. Is-surmast tal-banda tal-Ħamrun mill-ewwel għaraf li dan kien marċ tajjeb u ndaqq għall-festa ta' San Gejtanu. Tant kien niżel għasel dal-marċ mal-partitarji Hamrunizi li nsistew biex biex jerġa' jindaqq. Angelo kien ħariġlu marċ tant sabiħ li kien ta' isem lilu nnifsu stess. Meta s-Surmast Costa sema' b' dan iddispjaċih għal għomru għax ma kienx għaraf mill-ewwel it-talent mużikali li kellu Angelo.

Il-fama tas-Surmast Pullicino kompliet tikber għad li kien għadu żagħżugħ, hekk meta kien ikkompona marċ li jġib l-isem "Tal-Lira". Dan kien ndaqq għall-ewwel darba mill-banda ta' Ħal Għaxaq. L-isem ta' Mro. Angelo Pullicino ma jistax joħrog mill-memorja ta' ħafna Ġiljanizi mhux għax kien l-ewwel surmast tal-Banda San Ġiljan meta din twaqqfet fl-1927, iżda baqa' surmast tal-istess banda għal 43 sena sħaħ, sal-1970. Tul dawn is-snin il-Banda San Ġiljan saret waħda mill-baned magħrufin u ta' isem għal dak iż-żmien.

**Xogħlijiet ta' Mro. Angelo Pullicino**

Mro. Pullicino kien jikkomponi ħafna marċi sbieħ brijużi tant li kien u jibqa' magħruf bħala s-"Surmast tal-Marċi s-Sbieħ". Ħafna minn dawn il-marċi għadhom jindaqqu sal-ġurnata ta' llum. Iżda l-aktar li jibqa' magħruf Anġlu Pullicino għall- "Innu Marċ". Li banda jkollha innu marċ ta' Angelo Pullicino dak iż-żmien kien ifisser ħafna. Bosta kienu dawk il-baned li qabbdu lil Anġlu Pullicino jikkomponilhom innu marċ lill-patrun jew patruna tar-raħal tagħhom. Fost dawn insibu l-"Innu Marċ San Duminku" li għadu popolari ferm u għadu jindaqq b'mod frekwenti mill-Banda King's Own. Innu marċ ieħor li ukoll għadu ferm popolari hu dak iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq. Kemm jindaqq b' entużjażmu meta l-Madonna tixref ruħha fuq iz-zuntier fost il-kant tal-partitarji Żrieraq u d-devoti Karmelitani. L-"Innu marċ lill-Marija Annunzjata" huwa ukoll innu marċ popolari ieħor miktub għall-Banda Marija Annunzjata li jindaqq bi briju kbir. Mro. Pullicino kien ukoll ikkompona l-"Innu Marċ Maria Vittoria" għall-Banda tax-Xagħra Għawdex fejn għadu jindaqq ukoll. Wieħed mill-aħħar Innu Marċ li kiteb Mro. Pullicino kien dak iddedikat lil San Bert ta' Hal Għargħur. Żgur ma nistgħux ma nsemmux l-"Innu Marċ San Giljan" ferm u ferm popolari mal-Ġiljanizi li kien miktub fl-ewwel żminijiet











tiegħu fil-każin. Il-Ġiljaniżi kollha ikunu ħerqana biex jisimgħu l-Innu Marċ flimkien mal-Innu Popolari San Ġiljan.

**Il-Marċi ta' Angelo Pullicino**

Il-Każin Banda San Ġiljan għandu arkivju sinjur ħafna fil-marċi ta' Mro. Angelo Pullicino. Fost dawn il-marċi nsibu l-marċ "Unconquered Malta" li kien indaqq għall-ewwel darba mill-Banda San Ġiljan fl-okkażjonijiet tar-rebħ ta' Malta tat-Tieni Gwerra Dinjija fl-1944. Il-marċ "Angie" jew kif inhu magħruf bħala "tal-gallarija" li ndaqq għall-ewwel darba fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta fl-1948. Il-marċ għażiż "Standard of Victory" li ndaqq għall-ewwel darba fl-1950. Il- marċ "Marcia Fortuna" li għandu żmien daqskemm ilu mwaqqaf l-każin. Dal-marċ ġie mżanżan fis-27 ta' Jannar 1927. Ma nistgħux ma nsemmux il-marċ "Tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja l-Ġdida 1961". Dan il-marċ indaqq l-ewwel darba meta ġiet mqegħda l-ewwel ġebla tal-knisja preżenti ta' San Ġiljan fl-1961. Wieħed ma jistax jinsa l-marċi "Tifħir lil San Ġiljan" , "Viva l-Ġiljaniżi" , "Gatto Monte" , "Rover" , "Jori joe" u ħafna iżjed marċi ta' Mro. Angelo Pullicino li ndaqqu għall-ewwel darba mill-Banda San Ġiljan.

Kif wieħed jista jara il- Każin Banda San Ġiljan jeżisti u jdur mal-isem tal- Mro. Angelo Pullicino. Is-sena 2014 se tkun sena importanti ħafna għall- banda tagħna. Fiha se niċċelebraw l-anniversarju tal-110 snin mit-twelid tas-Surmast Angelo Pullicino u l-35 sena mill-mewt tiegħu.

Żgur se jkun anniversarju storiku għall-banda u dan se jigi mfakkar kif għandu jkun.

Viva s-Surmast tal-Marci s-Sbieħ